MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 690/2013

**Avv Dr Joseph Mizzi (K.I. Nru. 29787(G)**
**Ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta**
**estera FTO Bunkering Limited**

**vs**

**M/V Blankenese, IMO nru. 8412390,**
**registrat taht il-bandiera Maltija**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Dr. Joseph Mizzi, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 29787(G) a nom u in

rapprezentanza tas-socjeta’ estera FTO Bunkering Limited tas-17 ta’Lulju 2013;

*1. “Illi l-bastiment M/V Blankenese IMO 8412390 gie pprovdut provisti ta’ bunkering, liema bunkering inghata bejn il-perjodu ta’ Frar 2013 sa Gunju 2013.*

*2. Illi s-socjeta’ estera FTO Bunkering Limited harget diversi fatturi lill-bastiment intimat li huma s-segwenti:*

*i. Fattura b’numru 62/UMS mahruga fil-erbatax (14) ta’ Gunju 2013 ghas-somma ta’ erbgha u tmenin elf tlett mija u wiehed u erbghin Dollaru Amerikan u sitta u tletin centezmu ($84,341.36) hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

*ii. Fattura b’numru 59-i/UMS mahruga fl-ewwel (1) ta’ Lulju 2013 ghas-somma ta’ elfejn hames mija u wiehed u sebghin Dollaru Amerikan u hamsa u erbghin centezmu ($2,571.45), hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;*

*iii. Fattura b’numru 62-i/UMS mahruga fl-ewwel (1) ta’ Luiju 2013 ghas-somma ta’ elf u erbgha u hamsin Dollaru Amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu ($1,054.27), hawn annessa u mmarkata bhala Dok C;*

*iv. Fattura b’numru 54/UMS mahruga fit-tmienja (8) ta’ Marzu 2013 ghas-somma ta’ sebgha u sittin elf tlett mija u sebgha u disghin Dollaru Amerikan u tnejn u tmenin centezmu ($67,397.82) , hawn annessa u mmarkata bhala Dok D;*

*v. Fattura b’numru 61/UMS mahruga fl-ghoxrin (20) ta’ Mejju 2013 ghas-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf hames mija u erbgha u sittin Dollaru Amerikan ($21,564) hawn annessa u mmarkata bhala Dok E;*

*vi. Fattura b'numru 54-i/UMS mahruga fl-ewwel (1) ta' Lulju 2013 ghas-somma ta' hames t'elef tmien mija u erbgha u sittin Dollaru Amerikan u sitta u sebghin centemzu ($5,846.76) hawn annessa u mmarkata bhala Dok F;*

*vii. Fattura b'numru 61-i/UMS mahruga fl-ewwel (1) ta' Lulju 2013 ghas-somma ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin Dollaru Amerikan u tnejn u tmenin centezmu ($824.82) hawn annessa u mmarkata bhala Dok G;*

*viii. Fattura b'numru 37-i/UMS mahruga fl-ewwel (1) ta' Lulju 2013 ghas-somma ta' tlett t'elef hames mija u hamsa u hamsin Dollaru Amerikan u tmienja u tmenin centezmu ($3,555.88) hawn annessa u mmarkata bhala Dok H;*

*ix. Fattura b'numru 59/UMS mahruga fl-ghoxrin (20) ta' April 2013 ghas-somma ta' sebgha u erbghin elf u erba' mitt Dollaru Amerikan ($47,400) hawn annessa u mmarkata bhala Dok I;*

*x. Fattura b'numru 37/UMS mahruga fil hamsa u ghoxrix (25) ta' April 2012 ghas-somma ta' sebghin elf erba' mija u tmienja u hamsin Dollaru Amerikan u sitta u erbghin centezmu ($70,458.46) hawn annessa u mmarkata bhala Dok J.*

*Illi s-somma globali dovuta mill-bastiment intimat lis-socjeta estera FTO Bunkering Limited jammontaw ghall-tlett mija u hamest elef u erbatax-il Dollaru Amerikan u tnejn u tmenin centemzu ($305,014.82) ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn sebgha u tletin elf, mija u ghaxar Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€237,110.26) bir-rata tal-kambju tall-lum;*

*3. Illi 1-bastiment intimat huwa ghalhekk debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' mitejn sebgha u tletin elf, mija u ghaxar Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€237,110.26);*

*4. Illi l-imsemmijin provizjonijiet jaqaw fil-parametri ta' l-Artikolu 50 (m) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti ghandha privilegg specjali fuq il-bastiment intimat ai termini ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.*

*5. Illi l-imsemmi ammont ta' mitejn sebgha u tietin elf, mija u ghaxar Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€237,110.26) huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment intimat lis-socjeta' rikorrenti u ghalhekk fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta rikorrenti, il-bastiment intimat m'ghandux eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;*

*6. Illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa ma thallasx mill-bastiment konvenut u ghalhekk kellha issir din il-kawza;*

*7. Illi fl-umli fehma tas-socjeta rikorrenti, il-bastiment konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti ghat-talbiet tal-attrici;*

*Jghid ghalhekk il-bastiment konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

*1. Taqta il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi l-bastiment M/V Blankenese huwa debitur tas-socjeta rikorrenti FTO Bunkering Limited ghas-somma ta' mitejn sebgha u tletin elf, mija u ghaxar Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€237,110.26) ghal provista ta*

*bunkering moghtija lill-bastiment intimat u dan ai termini ta' l-Artikolu 50(m) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut M/V Blankenese sabiex ihallas lis-socjeta' rikorrenti FTO Bunkering Limited is-somma ta' mitejn sebgha u tletin elf, mija u ghaxar Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€237,110.26) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kontra s-socjeta' ntimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi l-bastiment l-intimat fl-udjenza tal-llum 4 ta' Settembru 2013, u fl-udjenza tal-21 t'Awwissu 2013, baqa' ma deherx;

Rat illi fl-udjenza tal-llum 4 ta’ Settembru 2013, Dr. Joseph Mizzi, bil-gurament, xhed u kkonferma illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa’ ma thallasx mill-bastiment intimat;

Rat id-digriet tagħha tal-21 t’Awwissu 2013, li bih akkordat lill-bastiment intimat terminu sat-28 t’Awwissu 2013, sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi l-bastiment intimat baqa’ inadempjenti;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ it-talbiet tal-attur Dr.Joseph Mizzi, a nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera FTO Bunkering Limited bl-ispejjez u mghax kif mitluba kontra l-bastiment intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------